2026/735

25.3.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/735

tas-17 ta' Marzu 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Rieżami tal-ASE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u l-Artikoli 62 u 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2019/2175 ([3]) u (UE) 2019/2176 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva (UE) 2019/2177tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2175/oj).
([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/2176 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 146, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2176/oj).
([5]) Id-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/2177/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAOUNA

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/…

ta' …

li jemenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq); ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ([1]), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9, għandhom jiġu nkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/2176 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li ġie rifless fil-paragrafu 2 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA fl-14 ta' Ottubru 2014 rigward l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE dwar l-ASE fil-Ftehim ŻEE ([4]), u għalhekk jenħtieġ li tiġi interpretata f'konformità mal-prinċipji li jinkorporaw dawk il-Konklużjonijiet.

(5) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1 (id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32019 L 2177**: Id-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155).".

([1]) ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2175/oj.
([2]) ĠU L 334, 27.12.2019, p. 146, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2176/oj.
([3]) ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/2177/oj.
([4]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA, ST 14178/1/14 REV 1.

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 23b (id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32019 L** 2177: Id-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155).".

Artikolu 3

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 23ba (ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat minn:

— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

Artikolu 4

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 31ba (id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32019 L 2177**: Id-Direttiva (UE) 2019/2177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 155).".

Artikolu 5

Il-punt 31baa (ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

(2) It-test tal-adattament (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

(3) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (e):

"(ea) Deċiżjonijiet, deċiżjonijiet interim, notifiki, talbiet sempliċi, revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 27d(2) u (3), 27e(1), 38b(1), 38c(3), 38d(5), 38g(1), 38h(1), 38i(1) u 38k(8) għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati abbażi ta' abbozzi ppreparati mill-ESMA fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.".

(4) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (f):

"(fa) Fl-Artikolu 2(1)(18), il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'ESMA'.".

(5) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (h):

"(ha) Fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu u fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 27(4), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(hb) Fl-Artikolu 27b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fejn operazzjonijiet bħal dawn ikunu stabbiliti fi Stat tal-EFTA, mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem 'jew, fir-rigward ta' ditti ta' investiment jew operaturi tas-suq li joperaw post ta' negozjar li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(hc) Fl-Artikolu 27c:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi ta' rappurtar tad-data stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-punt 2, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(hd) Fil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 27d u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 27f, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(he) Fl-Artikolu 27e:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' fornitur ta' servizzi ta' rappurtar ta' data stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(6) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (j):

"(ja) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 38 a:

'Is-setgħat mogħtija lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew lil kwalunkwe uffiċjal jew persuna oħra awtorizzata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA permezz tal-Artikoli 38b sa 38e m'għandhomx jintużaw biex jirrikjedu l-iżvelar ta' informazzjoni jew dokumenti li huma soġġetti għal privileġġ legali.'.

(jb) Fl-Artikolu 38b:

(i) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-ESMA jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista', b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob lill-persuni li ġejjin jipprovdu l-informazzjoni kollha biex l-ESMA jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tkun tista' twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament:

(a) APA, CTP, ARM, fejn ikunu sorveljati mill-ESMA jew, skont il-każ, mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, u ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera post ta' negozjar biex jopera s-servizzi ta' rappurtar tad-data ta' APA, CTP jew ARM, u l-persuni li jikkontrollawhom jew li huma kkontrollati minnhom;

(b) il-maniġers tal-persuni msemmija fil-punt (a);

(c) l-awdituri u l-konsulenti tal-persuni msemmija fil-punt (a);';

(ii) fil-paragrafi 3 u 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-test tal-paragrafu 3, il-punt (g) għandu jinqara kif ġej:

'tindika d-dritt li d-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 5:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.'.

(jc) Fl-Artikolu 38c:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ li persuna suġġetta għal investigazzjoni tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA', għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Uffiċjali tal-ESMA u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati li jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet fuq talba tal-ESMA.';

(iii) fil-paragrafi 2 sa 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza għandha taqra kif ġej:

'Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni, il-ħlas perjodiku tal-penali previst fl-Artikolu 38i u d-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja.';

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 6 għandu jaqra kif ġej:

'6. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' talba għal rekords tat-traffiku tat-telefon jew tad-data msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA msemmija fil-paragrafu 3 hija awtentika;

(b) kwalunkwe miżura li trid tittieħed hi proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali m'għandhiex twettaq rieżami tal-ħtieġa għall-investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta li tiġi rieżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.'.

(jd) Fl-Artikolu 38d:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.';

(iii) fil-paragrafi 2 sa 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) fil-paragrafu 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza għandha taqra kif ġej:

'Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni, taħtar id-data li fiha għandha tibda u tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 38i, kif ukoll id-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 10 għandu jaqra kif ġej:

'10. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' spezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA msemmija fil-paragrafu 5 hija awtentika;

(b) kwalunkwe miżura li trid tittieħed hi proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuni soġġetti għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali m'għandhiex twettaq rieżami tal-ħtieġa għall-investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.'.

(je) Fl-Artikolu 38e, il-kliem 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(jf) It-test tal-Artikolu 38f għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'L-obbligu tas-segretezza professjonali msemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/65/UE għandu japplika għall-ESMA u għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-ESMA jew għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew għal kwalunkwe persuna oħra li lilha l-ESMA jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jkunu ddelegaw kompiti, inklużi awdituri u esperti kkuntrattati mill-ESMA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.

(jg) Fl-Artikolu 38g:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fil-paragrafu 2, il-punt (h) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) dan li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 3:

'Mingħajr dewmien bla bżonn, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafu 1 lill-persuna responsabbli għall-ksur u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni. L-ESMA għandha tiżvela pubblikament kwalunkwe azzjoni bħal din fuq il-website tagħha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tkun ittieħdet. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha wkoll tippubblika kwalunkwe azzjoni tagħha stess fuq il-website tagħha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tkun ittieħdet.

Id-divulgazzjoni lill-pubbliku msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li tafferma d-dritt tal-persuna responsabbli għall-ksur li d-deċiżjoni adottata tiġi riveduta mill-Qorti tal-EFTA;

(b) fejn rilevanti, dikjarazzjoni li tafferma li ġew istitwiti proċedimenti bħal dawn u li tispeċifika li l-azzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-EFTA m'għandhomx effett sospensiv;

(c) dikjarazzjoni li tasserixxi li huwa possibbli għall-Qorti tal-EFTA li tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.'.

(jh) Fl-Artikolu 38h:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(ji) Fl-Artikolu 38i:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' u 'tal-ESMA' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u "tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", rispettivament'.

(jj) Fl-Artikolu 38j:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied dan li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiżvela wkoll lill-pubbliku kull multa u pagament perjodiku ta' penali li tkun imponiet skont l-Artikoli 38h u 38i soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-iżvelar ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali mill-ESMA.';

(ii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill,' għandu jinqara 'l-ESMA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,';

(iv) fil-paragrafu 5, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddetermina l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi u tal-pagamenti perjodiċi ta' penali miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.

(jk) Fl-Artikolu 38k:

(i) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(ii) fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'l-ESMA għandha taħtar uffiċjal tal-investigazzjoni indipendenti fi ħdan l-ESMA biex jinvestiga l-kwistjoni' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha taħtar uffiċjal tal-investigazzjoni indipendenti fi ħdan l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex jinvestiga l-kwistjoni wara konsultazzjonijiet mal-ESMA';

(iii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-uffiċjal tal-investigazzjoni maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA m'għandux ikun involut jew ma jkunx ġie involut direttament jew indirettament fis-superviżjoni jew fil-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-fornitur tas-servizzi ta' rappurtar tad-data kkonċernat u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod indipendenti mill-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Bord tas-Supervisuri tal-ESMA.';

(iv) fil-paragrafi 2, 4, 5 u 7, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(v) fil-paragrafu 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(vi) fil-paragrafu 8, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni u l-fajls kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-paragrafu.';

(vii) fil-paragrafu 9, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'jew tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'tal-ESMA';

(viii) fil-paragrafu 11, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(jl) Fl-Artikolu 38 l:

(i) fil-paragrafu 1, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

'Qabel ma tħejji kwalunkwe abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 38g, 38h u 38i, l-ESMA għandha tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu dwar il-kostatazzjonijiet tagħha. L-ESMA għandha tibbaża l-abbozzi tagħha biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċeduri kellhom opportunità li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikoli 38g, 38h u 38i biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

It-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, l-ESMA tista' tħejji abbozz u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni interim. L-ESMA għandha tagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li tħejji tali abbozz.';

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-fajl tal-ESMA' għandu jinqara 'il-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u l-kliem 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA' isir 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(jm) Fl-Artikolu 38n(1), għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

'Fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi ta' rappurtar tad-data stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha titlob tariffi fuq l-istess bażi bħat-tariffi imposti fuq fornituri oħra ta' servizzi ta' rappurtar tad-data skont dan ir-Regolament u skont l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3.

L-ammonti miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom jiġu mgħoddija lill-ESMA mingħajr dewmien.'.

(jn) Fl-Artikolu 38o:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal qabel il-kliem 'tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi';

(ii) fil-paragrafi 2 sa 5 il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fil-paragrafu 5, il-kliem 'jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'tal-ESMA';

(iv) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

'6. L-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel kwalunkwe delega ta' kompitu skont dan l-Artikolu.'."

(7) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (m):

"(n) Fl-Artikolu 54 a, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(ii) il-kliem 'l-1 ta' Jannar 2022' għandhom jinqraw 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni]';

(iii) il-kliem 'qabel l-1 ta' Ottubru 2021' għandu jinqara 'aktar minn tliet xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni]';

(iv) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

'6. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, fejn rilevanti u mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat kopji ta' kwalunkwe fajl, dokumenti ta' ħidma, rekords u dokumenti ta' ħidma li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.'."

Artikolu 6

Il-punt 31f (ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied dan li ġej:

", kif emendat minn:

— **32019 R 2176**: Ir-Regolament (UE) 2019/2176 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 146).".

(2) It-test tal-adattament (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għal dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru/i, awtoritajiet kompetenti, u awtoritajiet superviżorji għandhom jinftiehmu li jinkludu, minbarra t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji tagħhom, rispettivament. Dan ma għandux japplika fir-rigward tal-Artikoli 5(2), 9(5) u 11(1)(c).".

(3) It-test tal-adattament (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 6(2):

'(e) il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, jew, rigward Liechtenstein, rappreżentant ta' livell għoli tal-Ministeru tal-Finanzi;

(f) Membru tal-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kull meta jkunu rilevanti għall-kompiti tiegħu.'.".

(4) It-test tal-adattament (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 13(1):

'(i) rappreżentant wieħed ta' kull bank ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, jew, rigward Liechtenstein, tal-Ministeru tal-Finanzi.'.".

(5) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (d):

"(da) Fl-Artikolu 8(2a), il-kliem 'liġi oħra tal-Unjoni' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE'.".

(6) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (g):

"(ga) Fl-Artikolu 17(1), għandu jiżdied is-subparagrafu segwenti:

'Jekk rakkomandazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3(2) tkun indirizzata lil wieħed mid-destinatarji elenkati fl-Artikolu 16(2) li jkun Stat tal-EFTA jew awtorità nazzjonali ta' Stat tal-EFTA, id-destinatarju għandu jikkomunika lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-BERS l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni u għandu jissostanzja kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. Fejn ikun rilevanti, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità, jinforma lill-ESAs bit-tweġibiet riċevuti mingħajr dewmien.'.

(gb) Fl-Artikolu 17(2), għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

'Jekk il-BERS jiddeċiedi li r-rakkomandazzjoni tiegħu indirizzata lil Stat tal-EFTA jew awtorità nazzjonali ta' Stat tal-EFTA ma ġietx segwita jew li d-destinatarji naqsu milli jipprovdu ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità, jinforma lid-destinatarji, lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-ESAs rilevanti dwar dan.'.".

(7) Fl-adattament (g), jitħassru l-kliem "Artikolu 17(1) u (2) u fi".

Artikolu 7

Il-punt 31g (ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

(2) It-test tal-adattament (b) huwa sostitwit mibdul b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

(3) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (f):

"(fa) Fl-Artikolu 3(3), il-kliem 'lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni,'.

(fb) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-test tal-Artikolu 4(2), il-punt (v) għandu jinqara:

'fir-rigward tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/59/UE;'.".

(4) It-test tal-adattament (g)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien bla bżonn abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha twettaq rieżami tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli xierqa u mill-inqas kull 6 xhur.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi lill-Awtorità bid-data ta' skadenza. Fi żmien propizju qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' 6 xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tissottometti konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk ikun meħtieġ. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità bi kwalunkwe żvilupp li tikkunsidra relevanti għar-rieżami.

Wara mill-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi, u abbażi ta' analiżi xierqa li għandha l-għan li tivvaluta l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha, skont il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), tikkunsidra tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Fejn l-Awtorità temenda jew tħassar kwalunkwe deċiżjoni parallela mad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bla dewmien bla bżonn.'.".

(5) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (g):

"(ga) Ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni fl-Artikoli 9b, 9c u 17a għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.".

(6) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (h):

"(ha) Fl-Artikolu 16a:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 1:

'L-awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħha.';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 4:

'L-Awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tipprovdi parir tekniku lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fl-oqsma stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).'.

(hb) Fl-Artikolu 16b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni,';

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem 'tal-Unjoni' għandu jinqara 'tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE';

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 5:

'L-Awtorità għandha tibgħat mistoqsijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim ŻEE lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kwistjonijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE bl-għan li jissottomettu tweġiba konġunta. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni u/jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.".

(7) It-test tal-adattament (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 17:

(i) il-kliem 'Liġi tal-Unjoni' għandu jinqara 'l-Ftehim ŻEE';

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità';

(iii) fil-paragrafu 2, il-kliem ', il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'il-Kummissjoni';

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 2:

'Fejn l-Awtorità tispjega kif biħsiebha tipproċedi b'każ u, fejn xieraq, tinvestiga ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar in-natura u l-iskop tal-investigazzjoni u tipprovdilha regolarment wara dan l-informazzjoni aġġornata meħtieġa biex l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq il-kompiti tagħha kif suppost skont il-paragrafi 4 u 6.';

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

'L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi r-rakkomandazzjoni, tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li ħadet jew li biħsiebha tieħu biex tiżgura konformità mal-Ftehim taż-ŻEE.';

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinqraw kif ġej:

'4. Fejn l-awtorità kompetenti ma tkunx ikkonformat mal-Ftehim taż-ŻEE fi żmien xahar wara li tkun irċeviet ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tfassal opinjoni formali li teħtieġ lill-awtorità kompetenti tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex tiġi konformi mal-Ftehim taż-ŻEE. L-opinjoni formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha toħroġ tali opinjoni formali sa mhux aktar tard minn tlett xhur wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' testendi dak il-perjodu b'xahar.

L-opinjonijiet formali mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati abbażi ta' abbozzi ppreparati mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

5. Fi żmien 10 ijiem minn meta tirċievi l-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun beħsiebha tieħu biex tkun konformi ma' dik l-opinjoni formali.';

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE' għandu jinqara 'Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja', u l-kelma 'l-Awtorità' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(viii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

'Fi kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jkunux applikabbli direttament għall-operaturi fis-settur finanzjarju, l-Awtorità tista' tadotta deċiżjoni li tesiġi li l-awtorità kompetenti tikkonforma mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fiż-żmien speċifikat fiha. Jekk l-awtorità ma tikkonformax ma' dik id-deċiżjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' wkoll tadotta deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu. Għal dak il-għan, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Ftehim taż-ŻEE, u, fejn tali dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE huma magħmula minn Direttivi, il-liġi nazzjonali safejn tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE huma magħmula minn Regolamenti u fejn dawk ir-Regolamenti jagħtu espliċitament għażliet għall-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tapplika wkoll il-liġi nazzjonali safejn ikunu ġew eżerċitati dawn l-għażliet.';

(ix) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.';

(x) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 8 għandu jinqara kif ġej:

'8. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kull sena għandha tippubblika informazzjoni dwar liema awtoritajiet kompetenti u istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati tal-EFTA ma jkunux ikkonformaw mal-opinjonijiet jew id-deċiżjonijiet formali imsemmijin fil-paragrafi 4 u 6.'.".

(8) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (i):

"(ia) Fil-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 17a, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'."

(9) It-test tal-adattament (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafi 1, 1a u 3a, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità';

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem 'fl-Istati Membri tal-UE' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'għandu jkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 3:

'Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet esklussivament kompetenti tal-Istati tal-EFTA, u fejn dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew li joqogħdu lura minn ċerta azzjoni sabiex isolvu l-kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim taż-ŻEE. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE u Stat tal-EFTA wieħed jew aktar, u fejn dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jieħdu deċiżjoni li tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u l-Istati tal-EFTA kkonċernati rispettivament jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura milli jieħdu azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom ikunu vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.';

(iv) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE' għandu jinqara 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja,' il-kliem 'l-Awtorità' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u l-kliem 'liġi tal-Unjoni' għandu jinqara 'il-Ftehim ŻEE';

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 għandu jinqara kif ġej:

'Fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2) mhumiex direttament applikabbli għall-operaturi tas-settur finanzjarju. Għal dak il-għan, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Ftehim taż-ŻEE, u fejn tali dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE huma magħmula minn Direttivi, il-liġi nazzjonali safejn tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE huma magħmula minn Regolamenti u fejn dawk ir-Regolamenti jagħtu espliċitament għażliet għall-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tapplika wkoll il-liġi nazzjonali safejn ikunu ġew eżerċitati dawn l-għażliet.';

(vi) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien bla bżonn abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'."

(10) It-test tal-adattament (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 22(4), il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni'.".

(11) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (o):

"(oa) Fl-Artikolu 28(3), għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegaw kompiti u responsabbiltajiet lill-Awtorità skont il-paragrafu 1 li huma diretti lejn persuni fiżiċi u ġuridiċi stabbiliti fi Stat tal-EFTA u jirriżultaw f'obbligu dirett fuq dawn l-entitajiet, l-Awtorità għandha titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tieħu tali miżuri. Deċiżjonijiet, deċiżjonijiet interim, notifiki, talbiet sempliċi, revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom ikunu bbażati fuq abbozz mill-Awtorità.'.

(ob) Fl-Artikolu 30(7), il-kliem ', lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.".

(12) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (p):

"(pa) Fl-Artikolu 33(3):

(i) fit-tielet subparagrafu, il-kliem ', lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni';

(ii) fir-raba' subparagrafu, il-kliem 'u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.".

(13) It-test tal-adattament (r) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 36(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni' għandu jsir 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(14) It-test tal-adattament (t) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 39:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'Awtorità';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 2:

'Meta tkun qed tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju bid-deċiżjoni li għandha tittieħed, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tittieħed, biex tesprimi l-fehma tagħha dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, filwaqt li tqis bis-sħiħ l-urġenza, il-kumplessità u l-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-paragrafu 5:

'Fejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), għandha twettaq rieżami ta' dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità b'reviżjonijiet li jkun imiss, kif ukoll bi kwalunkwe żviluppi li jkunu rilevanti għar-rieżami.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien propizju qabel kwalunkwe reviżjoni intiża, l-Awtorità għandha tissottometti konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk ikun meħtieġ.';

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 6 il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'.".

(15) It-test tal-adattament (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem ', tipprepara abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ,' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'deċiżjonijiet tal-Awtorità,';

(ii) fil-paragrafi 4, 5 u 6, il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Kunsill'.".

(16) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (z):

"(zaa) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 62(1)(b):

'L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-kontribuzzjoni mill-Unjoni msemmija f'dan il-punt. Għal dan l-għan, il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.'.".

(17) It-test tal-adattament (za) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

'L-Istati tal-EFTA għandhom jagħtu privileġġi u immunitajiet lill-Awtorità u lill-persunal tagħha ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.'.".

Artikolu 8

Il-Punt 31h (ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

(2) It-test tal-adattament (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

(3) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (f):

"(fa) Fl-Artikolu 3(3) il-kliem 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni,'.".

(4) It-test tal-adattament (g)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien bla bżonn abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha twettaq rieżami tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli xierqa u mill-inqas kull sitt xhur.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi lill-Awtorità bid-data ta' skadenza. Fi żmien xieraq qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tippreżenta lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA l-konklużjonijiet, akkumpanjati jekk meħtieġ minn abbozz. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità bi kwalunkwe żvilupp li tikkunsidra relevanti għar-rieżami.

Wara mill-inqas żewġ tiġdid konsekuttivi, u abbażi ta' analiżi xierqa li għandha l-għan li tivvaluta l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha, skont il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), tikkunsidra tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Fejn l-Awtorità temenda jew tħassar kwalunkwe deċiżjoni parallela mad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bla dewmien bla bżonn.'."

(5) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (g):

"(ga) Ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni fl-Artikoli 9a u 17a għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.".

(6) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (h):

"(ha) Fl-Artikolu 16 a:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 1:

'L-Awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħha.';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 4:

'L-Awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tipprovdi parir tekniku lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fl-oqsma stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2).'.

(hb) Fl-Artikolu 16b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni,';

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem 'tal-Unjoni' għandu jinqara 'tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE';

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 5:

'L-Awtorità għandha tibgħat mistoqsijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim ŻEE lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kwistjonijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE bl-għan li jissottomettu tweġiba konġunta. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni u/jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.".

(7) It-test tal-adattament (i)(iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 2:

'Fejn l-Awtorità tispjega kif biħsiebha tipproċedi b'każ u, fejn xieraq, tinvestiga ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar in-natura u l-iskop tal-investigazzjoni u tipprovdilha regolarment wara dan l-informazzjoni aġġornata meħtieġa biex l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq il-kompiti tagħha kif suppost skont il-paragrafi 4 u 6.'.".

(8) It-test tal-adattament (i)(vii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE' għandu jinqara 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja', u l-kliem 'l-Awtorità' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(9) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (i):

"(ia) Fil-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 17a, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'.".

(10) It-test tal-adattament (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafi 1, 1a u 3a, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità';

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem 'fl-Istati Membri tal-UE' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 3:

'Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet esklussivament kompetenti tal-Istati tal-EFTA, u fejn dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew li joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim taż-ŻEE. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE u Stat tal-EFTA wieħed jew aktar, u fejn dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jieħdu deċiżjoni li tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u l-Istati tal-EFTA kkonċernati rispettivament jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom ikunu vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.';

(iv) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE' għandu jinqara 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja', il-kliem 'l-Awtorità' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u l-kliem 'liġi tal-Unjoni' għandu jinqara 'il-Ftehim ŻEE';

(v) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, jiġu adottati mingħajr dewmien bla bżonn abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.".

(11) It-test tal-adattament (n) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 22(4), il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni'.".

(12) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (n):

"(na) Fl-Artikolu 28(3), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegaw kompiti u responsabbiltajiet lill-Awtorità skont il-paragrafu 1 li huma diretti lejn persuni fiżiċi u ġuridiċi stabbiliti fi Stat tal-EFTA u jirriżultaw f'obbligu dirett fuq dawk l-entitajiet, l-Awtorità għandha titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tieħu tali miżuri. Deċiżjonijiet, deċiżjonijiet interim, notifiki, talbiet sempliċi, revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom ikunu bbażati fuq abbozz mill-Awtorità.'.

(nb) Fl-Artikolu 30(7), il-kliem ', lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.

(nc) Fl-Artikolu 33(3):

(i) fit-tielet subparagrafu, il-kliem ', lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni';

(ii) fir-raba' subparagrafu, il-kliem 'u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.".

(13) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (o):

"(oa) Fl-Artikolu 36(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni' għandu jsir 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(14) It-test tal-adattament (q) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 39:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'Awtorità';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 2:

'Meta tkun qed tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tittieħed, biex tesprimi l-fehmiet tagħha dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, filwaqt li tqis bis-sħiħ l-urġenza, il-kumplessità u l-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 5:

'Fejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), din għandha twettaq rieżami ta' dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità b'reviżjonijiet li jkun imiss, kif ukoll bi kwalunkwe żviluppi li jkunu rilevanti għar-rieżami.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien propizju qabel kwalunkwe reviżjoni intiża l-Awtorità għandha tissottometti konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk ikun meħtieġ.';

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 6 il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'.".

(15) It-test tal-adattament (s) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'u tħejji abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'deċiżjonijiet tal-Awtorità,';

(ii) fil-paragrafi 4, 5 u 6, il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Kunsill'.".

(16) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (w):

"(wa) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 62(1)(b):

'L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-kontribuzzjoni mill-Unjoni msemmija f'dan il-punt. Għal dan l-għan, il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.'.".

(17) It-test tal-adattament (x) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

'L-Istati tal-EFTA għandhom jagħtu privileġġi u immunitajiet lill-Aġenzija u lill-persunal tagħha ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.'.".

Artikolu 9

Il-Punt 31i (ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

(2) It-test tal-adattament (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

(3) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (f):

"(fa) Fl-Artikolu 3(3), il-kliem 'lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni,'.".

(4) It-test tal-adattament (g)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien bla bżonn abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha twettaq rieżami tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli xierqa u mill-inqas kull sitt xhur.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi lill-Awtorità bid-data ta' skadenza. Fi żmien xieraq qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tippreżenta l-konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati jekk meħtieġ minn abbozz. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità dwar kwalunkwe żvilupp li tqis rilevanti għar-rieżami.

Wara mill-inqas żewġ tiġdidiet konsekuttivi, u abbażi ta' analiżi xierqa li għandha l-għan li tivvaluta l-impatt fuq il-klijent jew il-konsumatur, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tiddeċiedi dwar it-tiġdid annwali tal-projbizzjoni.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha, skont il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), tikkunsidra tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Fejn l-Awtorità temenda jew tħassar kwalunkwe deċiżjoni parallela mad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bla dewmien bla bżonn.'.".

(5) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (g):

"(ga) Ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni fl-Artikoli 9a u 17a għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.".

(6) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (h):

"(ha) Fl-Artikolu 16 a:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 1:

'L-Awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjonijiet lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħha.';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 4:

'L-Awtorità tista', fuq talba mill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tipprovdi parir tekniku lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fl-oqsma stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 1(2)'.

(hb) Fl-Artikolu 16b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni,';

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem 'tal-Unjoni' għandu jinqara 'tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE';

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 5:

'L-Awtorità għandha tibgħat mistoqsijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim ŻEE lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kwistjonijiet li jeħtieġu l-interpretazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE bl-għan li jissottomettu tweġiba konġunta. L-Awtorità għandha tippubblika kwalunkwe tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni u/jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.".

(7) It-test tal-adattament (i)(iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 2:

'Fejn l-Awtorità tispjega kif biħsiebha tipproċedi b'każ u, fejn xieraq, tinvestiga ksur allegat jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar in-natura u l-iskop tal-investigazzjoni u tipprovdilha regolarment wara dan l-informazzjoni aġġornata meħtieġa biex l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq il-kompiti tagħha kif suppost skont il-paragrafi 4 u 6.'.".

(8) It-test tal-adattament (i)(vii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE' jinqara 'Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja', u l-kelma 'l-Awtorità' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(9) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (i):

"(ia) Fil-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 17a, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'.".

(10) It-test tal-adattament (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafi 1, 1a u 3a, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità';

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem 'fl-Istati Membri tal-UE' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'għandu jkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-paragrafu 3:

'Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet esklussivament kompetenti tal-Istati tal-EFTA, u fejn dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi li dawk l-awtoritajiet jieħdu azzjoni speċifika, jew li joqogħdu lura minn ċerta azzjoni, sabiex isolvu l-kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim taż-ŻEE. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Fejn ikunu kkonċernati awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE u Stat wieħed jew aktar tal-EFTA, u fejn dawn l-awtoritajiet jonqsu milli jilħqu ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jieħdu deċiżjoni li teħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati tal-EFTA kkonċernati rispettivament biex jieħdu azzjoni speċifika, jew joqogħdu lura milli jieħdu ċerta azzjoni, sabiex isolvu kwistjoni, u biex jiżguraw konformità mal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom ikunu vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jirrevokaw jew jemendaw deċiżjoni li jkunu adottaw jew li jużaw is-setgħat li għandhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ŻEE.

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.';

(iv) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE' għandu jinqara 'Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja', il-kliem 'l-Awtorità' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u l-kliem 'liġi tal-Unjoni' għandu jinqara 'il-Ftehim ŻEE';

(v) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom mingħajr dewmien bla bżonn jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.".

(11) It-test tal-adattament (n) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 22(4), il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni'.".

(12) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (n):

"(na) Fl-Artikolu 28(3), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegaw kompiti u responsabbiltajiet lill-Awtorità skont il-paragrafu 1 li huma diretti lejn persuni fiżiċi u ġuridiċi stabbiliti fi Stat tal-EFTA u jirriżultaw f'obbligu dirett fuq dawn l-entitajiet, l-Awtorità għandha titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tieħu tali miżuri. Deċiżjonijiet, deċiżjonijiet interim, notifiki, talbiet sempliċi, revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom ikunu bbażati fuq abbozz mill-Awtorità.'.

(nb) Fl-Artikolu 30(7), il-kliem 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.

(nc) Fl-Artikolu 33(3):

(i) fit-tielet subparagrafu, il-kliem ', lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni';

(ii) fir-raba' subparagrafu, il-kliem 'u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kummissjoni'.".

(13) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (o):

"(oa) Fl-Artikolu 36(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni' għandu jsir 'il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.".

(14) It-test tal-adattament (q) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 39:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Awtorità';

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 2:

'Meta tkun qed tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-lingwa uffiċjali tad-destinatarju, filwaqt li tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tittieħed, biex tesprimi l-fehmiet tagħha dwar is-suġġett tad-deċiżjoni, filwaqt li tqis bis-sħiħ l-urġenza, il-kumplessità u l-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.';

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 5:

'Fejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), għandha twettaq rieżami ta' dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità b'reviżjonijiet li jkun imiss, kif ukoll bi kwalunkwe żviluppi li jkunu rilevanti għar-reviżjoni.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien xieraq qabel kwalunkwe reviżjoni maħsuba, l-Awtorità għandha tissottometti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA l-konklużjonijiet, akkumpanjati jekk meħtieġ minn abbozz.';

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 6, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'l-Awtorità'.".

(15) It-test tal-adattament (s) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'u tħejji abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'deċiżjonijiet tal-Awtorità,';

(ii) fil-paragrafi 4, 5 u 6, il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Kunsill'.".

(16) L-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (w):

"(wa) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 62(1)(b):

'L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-kontribuzzjoni mill-Unjoni msemmija f'dan il-punt. Għal dan l-għan, il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.'.".

(17) It-test tal-adattament (x) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

'L-Istati tal-EFTA għandhom jagħtu privileġġi u immunitajiet lill-Awtorità u lill-persunal tagħha ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.'.".

Artikolu 10

Il-punt 311 (ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2175**: Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9.".

(2) It-test tal-adattament (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat(i) Membru(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

(3) L-adattamenti (b) sa (e) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti (f) sa (i), rispettivament.

(4) L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (a):

"(b) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-finijiet tar-Regolament, b'mod partikolari qabel ma jieħdu xi azzjoni.

(c) Deċiżjonijiet, deċiżjonijiet interim, notifiki, talbiet sempliċi, revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 34, 35, 48b(1), 48c(3), 48d(5), 48e(1), 48f(1), 48g(1) u 48i(8) għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati abbażi ta' abbozzi ppreparati mill-ESMA fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(d) Fl-Artikolu 34(1a), il-kliem 'jew, skont il-każ, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(e) Fl-Artikolu 40, il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

'1a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun l-awtorità kompetenti għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA.'.".

(5) L-adattamenti li ġejjin huma imdaħħla wara l-adattament (i):

"(j) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 48 a:

'Is-setgħat mogħtija lill-EFTA, lil kwalunkwe uffiċjal tal-EFTA jew lil kwalunkwe persuna oħra awtorizzata mill-EFTA mill-Artikoli 48b sa 48d ma għandhomx jintużaw sabiex jesiġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni jew dokumenti li jkunu soġġetti għal privileġġ legali.'.

(k) Fl-Artikolu 48b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu għandu jinqara kif ġej:

'Fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu dik it-talba għal informazzjoni lill-kontributuri għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament u jikkondividu l-informazzjoni riċevuta mingħajr dewmien bla bżonn mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.';

(iii) fil-paragrafi 3 u 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-test tal-paragrafu 3, il-punt (g) għandu jinqara kif ġej:

'tindika d-dritt li d-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

(v) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 5:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.'.

(l) Fl-Artikolu 48c:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ li persuna suġġetta għal investigazzjoni tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA', għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Uffiċjali tal-ESMA u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati li jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet fuq talba tal-ESMA.';

(iii) fil-paragrafi 2 sa 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza għandha taqra kif ġej:

'Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-pagament perjodiku ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 48g u d-dritt li d-deċiżjoni tkun eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.';

(v) fil-paragrafu 6, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu għandu jinqara kif ġej:

'Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali m'għandhiex twettaq rieżami tal-ħtieġa għall-investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta li tiġi rieżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja.'.

(m) Fl-Artikolu 48d:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.';

(iii) fil-paragrafi 2 sa 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) fil-paragrafu 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza għandha taqra kif ġej:

'Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, tistabbilixxi d-data li fiha hija tkun se tibda u tindika l-pagamenti perjodiċi ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 48g kif ukoll id-dritt li d-deċiżjoni tkun riveduta mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja.';

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 10 għandu jaqra kif ġej:

'10. Fejn awtorità ġudizzjarja nazzjonali tirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' spezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew l-assistenza prevista fil-paragrafu 7, dik l-awtorità għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA msemmija fil-paragrafu 5 hija awtentika;

(b) kwalunkwe miżura li trid tittieħed hi proporzjonata u mhux arbitrarja jew eċċessiva.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha biex tissuspetta li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament u s-serjetà tal-ksur suspettat u n-natura tal-involviment tal-persuni soġġetti għall-miżuri koerċittivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali m'għandhiex twettaq rieżami tal-ħtieġa tal-investigazzjoni jew titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta li tiġi rieżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja.'.

(n) Fl-Artikolu 48e:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fil-punt (h) tal-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iv) dan li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 3:

'Mingħajr dewmien bla bżonn, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafu 1 lill-persuna responsabbli għall-ksur u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni. ESMA għandha tiddivulga kwalunkwe tali azzjoni fis-sit web tagħha fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika wkoll kull azzjoni li tieħu fuq il-website tagħha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata.

Id-divulgazzjoni lill-pubbliku msemmija fit-tielet subparagrafu għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li tafferma d-dritt tal-persuna responsabbli għall-ksur li d-deċiżjoni adottata tiġi riveduta mill-Qorti tal-EFTA;

(b) fejn rilevanti, dikjarazzjoni li tafferma li ġew istitwiti proċedimenti bħal dawn u li tispeċifika li l-azzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-EFTA m'għandhomx effett sospensiv;

(c) dikjarazzjoni li tasserixxi li huwa possibbli għall-Qorti tal-EFTA li tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.'.

(o) Fl-Artikolu 48f:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'liġi tal-Unjoni' għandu jinqara 'dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE';

(iii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(p) Fl-Artikolu 48g:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' persuni stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'ESMA' u 'tal-ESMA' għandu jinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u 'tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA', rispettivament.

(q) Fl-Artikolu 48h:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied dan li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiżvela wkoll lill-pubbliku kull multa u pagament perjodiku ta' penali li tkun imponiet skont l-Artikoli 48f u 48g, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-iżvelar ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali mill-ESMA.';

(ii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill' għandu jsir 'l-ESMA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA';

(iv) fil-paragrafu 5, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddetermina l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'.

(r) Fl-Artikolu 48i:

(i) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 1, il-kliem 'l-ESMA għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-ESMA biex jinvestiga l-kwistjoni' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fi ħdan l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex jinvestiga l-kwistjoni, wara konsultazzjonijiet mal-ESMA';

(iii) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-uffiċjal tal-investigazzjoni maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma għandux ikun involut jew preċedentement involut, direttament jew indirettament, fis-superviżjoni tal-parametri referenzjarji li magħhom huwa relatat il-ksur u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u mill-Bord ta' Superviżuri tal-ESMA.';

(iv) fil-paragrafi 2, 5 u 7, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA';

(v) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'ESMA';

(vi) fil-paragrafi 8 u 11, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(vii) fil-paragrafu 8, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni u l-fajls kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-paragrafu.';

(viii) Fil-paragrafu 9, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'jew tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'Bord tas-Supervisuri'.

(s) Fl-Artikolu 48j:

(i) fil-paragrafu 1, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

'Qabel ma tħejji kwalunkwe abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 48f, 48g u 48e, l-ESMA għandha tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu dwar il-kostatazzjonijiet tagħha. L-ESMA għandha tibbaża l-abbozzi tagħha biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċeduri kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikoli 48f, 48g u 48e biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

It-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti skont l-Artikoli 48e sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, l-ESMA tista' tħejji abbozz u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni interim. L-ESMA għandha tagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li tħejji tali abbozz.';

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-fajl tal-ESMA' għandu jinqara 'il-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u l-kliem 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA' għandu jinqara 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(t) Fl-Artikolu 481(1), għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

'Fir-rigward ta' kwalunkwe amministratur imsemmi fl-Artikolu 40(1) li huwa stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha titlob tariffi fuq l-istess bażi bħat-tariffi imposti fuq amministraturi oħra msemmija fl-Artikolu 40(1) skont dan ir-Regolament u l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3.

L-ammonti miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jiġu mgħoddija lill-ESMA mingħajr dewmien bla bżonn.'.

(u) Fl-Artikolu 48m:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal qabel il-kliem 'tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi';

(ii) fil-paragrafi 2 sa 5 il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fil-paragrafu 5, il-kliem 'jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'tal-ESMA';

(iv) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

'6. L-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel kwalunkwe delega ta' kompitu skont dan l-Artikolu.'.

(v) Fl-Artikolu 48n, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kelma 'ESMA' għandha ssir 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(ii) il-kliem 'l-1 ta' Jannar 2022' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni]';

(iii) il-kliem 'qabel l-1 ta' Ottubru 2021' għandu jinqara 'aktar minn tliet xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni]';

(iv) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

'6. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, fejn rilevanti u mingħajr dewmien bla bżonn, tibgħat kopji ta' kwalunkwe fajl, dokumenti ta' ħidma, rekord u dokument ta' ħidma li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.'.".

Artikolu 11

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2019/2175, kif rettifikati permezz tal-ĠU L 131, 5.5.2022, p. 9, u (UE) 2019/2176 u d-Direttiva (UE) 2019/2177 fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 13

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti għad-Deċiżjoni Nru …/… li tinkorpora r-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni diretta tal-Protokoll 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA fit-territorju ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 11 ta' dak il-Protokoll.